MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 1192/1999/1

**Manfred Alamango u b'digriet tal-Qorti tad-19 ta' Jannar 2015,**

**wara l-mewt tal-attur l-atti tal-kawża kienu trasfużi**

**f'isem l-eredi tiegħu Philip Alamango**

**vs.**

**Victor Agius**

**Il-Qorti,**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata mill-attur **Manfred Alamango** fl-24 ta' Mejju, 1999 fejn ippremetta u għamel is-segwenti talbiet:

*Illi fid-29 ta' Marzu 1998, għall-ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu (2.00am), il-konvenut ħabat f'Islet Promenade, il-Qawra bil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FHL 995, minnu misjuqa u proprjetà tal-attur;*

*Illi l-attur sofra danni konsiderevoli fl-imsemmija vettura numru ta' reġistrazzjoni FHL 995, b'konsegwenza ta' dan l-inċident awtomobilistiku;*

*Illi l-inċident awtomobilistiku fuq imsemmi ġara b'tort u negliġenza u imperizja unikament da parti tal-konvenut;*

*Illi għalkemm interpellat sabiex iħallas id-danni minnu kkawżati u dana anke permezz ta' ittra uffiċjali datata 12 ta' Ottubru 1998, il-konvenut baqa' inadempjenti;*

*Talab għalhekk lill-konvenut jgħid għaliex m'għandiex din l-Onorabbli Qorti:-*

*Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-inċident awtomobilistiku tad-29 ta' Marzu, 1998, f'Islet Promenade, Qawra li fih kienet involuta l-vettura proprjetà tal-attur, numru ta' reġistrazzjoni FHL 995 misjuqa mill-konvenut, ġara b'tort unikament tal-konvenut.*

*Tillikwida d-danni sofferti mill-attur okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.*

*Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur s-somma hekk likwidata okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-12 ta' Ottubru 1998 kontra l-konvenut li ġie nġunt għas-subizzjoni*

Rat in-Nota ta’ Eċċezzjonijiet tal-konvenut **Victor Agius** li ppremetta u eċċepixxa s-segwenti:

*Preliminarjament illi l-ewwel talba attriċi qatt ma tista’ tintlaqa’ stante li l-eċċipjenti ma kienx involut f’inċident awtomobilistiku fid-29 ta’ Frar 1998, u dan kif konċess fil-premessi tal-istess ċitazzjoni attriċi;*

*Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż stante illi kien l-attur innifsu li nsista mal-eċċipjenti sabiex isuq il-vettura, u dan meta kien jaf li l-eċċipjenti ma kienx liċenzjat biex isuq;*

*Illi għaldaqstant l-eċċipjenti mhuwiex responsabbli għal kwalunkwe dannu li seta’ sofra l-attur stante li volenti non fit iniuria;*

*Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-eċċipjenti qiegħed jikkontesta n-natura tad-danni lamentati;*

*Salv eċċezzjonijiet oħra.*

**Konsiderazzjonijiet fattwali**

Rat l-atti proċesswali.

Ħadet konjizzjoni tal-provi kollha miġbura.

Rat is-surroga datata 18 ta' Settembru 2014[1] fejn din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif inhi llum presjeduta.

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Jannar, 2015 fejn ordnat li wara l-mewt tal-attur Manfred Alamango fis-7 ta' Lulju, 2012, l-atti ta' din il-kawża jiġu trasfużi f'isem l-eredi tiegħu Philip Alamango.

Ħadet konjizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-miktub tal-avukati tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Frar, 2015 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-29 ta' Marzu 1998 għall-ħabta tas-2:00 ta' filgħodu il-konvenut, waqt li kien qiegħed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FHL 995 li kienet proprjetà tal-attur, ħabat ma' ħajt tal-lukanda Dolmen, f'Islet Promenade, il-Qawra, u spiċċa nqaleb bil-karozza.

Illi b'konsegwenza ta' dan l-inċident, l-attur sofra danni konsiderevoli fil-vettura proprjetà tiegħu bin-numru ta' reġistrazzjoni FHL 995.

Jirriżulta mill-provi li l-attur kellu konoxxenza tal-konvenut peress li t-tnejn li huma kienu jiffrekwentaw l-istess *bar* (Jester Bar) f'Buġibba, San Pawl il-Baħar.

[1] A fol. 158.

Jirriżulta wkoll li fil-lejl tad-29 ta' Marzu 1998, l-attur kien jinsab f'dan *il-bar* u fost klijenti oħrajn ta' dan il-bar kien hemm ukoll il-konvenut. Meta saru xi s-2:00a.m. il-konvenut iddeċieda li jwassal lit-tfajla tiegħu d-dar tagħha.

Mill-provi jirriżulta li l-attur u l-konvenut kienu jafu lil xulxin biżżejjed sal-punt li l-attur ġieli wassal lill-konvenut u t-tfajla tiegħu d-dar. Dakinhar tal-inċident, l-attur jgħid illi l-konvenut talbu ċ-ċwievet tal-karozza tiegħu sabiex ikun jista' jwassal it-tfajla d-dar li kienet toqgħod ftit 'il bogħod mill-bar li kienu fih dakinhar.

Da parti tiegħu, il-konvenut jgħid illi kien l-attur li offrilu ċ-ċwievet, iżda huwa ma riedx juża l-karozza tal-attur, anzi rrifjuta u kien biss wara insistenza tal-attur illi aċċetta li jieħu ċ-ċwievet u jsuq il-karozza tal-attur biex iwassal lit-tfajla tiegħu id-dar tagħha.

L-attur min-naħa tiegħu xehed illi huwa ma kienx jaf li l-konvenut ma kellux liċenzja. Mill-banda l-oħra, il-konvenut isostni illi huwa mhux responsabbli għad-danni abbażi tal-prinċipju *volenti non fit iniuria* u dan għax skont il-konvenut, l-attur kien jaf li l-konvenut ma kellux liċenzja u xorta waħda nsista miegħu li jsuq il-karozza tiegħu.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Bil-kawża preżenti, l-attur qiegħed jitlob li l-Qorti tiddikjara u tiddeċiedi li l-inċident awtomobilistiku tad-29 ta' Marzu 1998 f'Islet Promenade, il-Qawra li kienet involuta fih il-karozza proprjetà tal-attur numru ta' reġistrazzjoni FHL 999 misjuqa mill-konvenut, ġara b'tort unikament tal-konvenut; (2) tillikwida id-danni sofferti mill-attur, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi; (3) tikkundanna liIl-konvenut iħalllas lill-attur s-somma hekk likwidata.

Min-naħa tiegħu l-konvenut isostni li huwa m'għandux jinżamm responsabbli għall-ħlas ta' danni peress li l-attur kien assuma r-riskju ta' dawn id-danni meta fada l-karozza tiegħu f'idejn persuna minorenni li ma kellux liċenzja tas-sewqan u li minħabba f'hekk ma kienx assigurat.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Illi għandu jiġi osservat illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ġiet sorvalata fis-seduta tal-11 ta' Novembru 1999 meta din Qorti kif diversament presjeduta, laqgħet talba tal-attur (mhux opposta) għall-korrezzjoni, fis-sens illi fiċ-ċitazzjoni l-kelma 'Frar' tiġi sostitwita bil-kelma 'Marzu'.

Din il-Qorti sejra tikkunsidrata għalhekk l-eċċezzjoni tal-konvenut ibbażata fuq il-prinċipju *volenti non fit iniuria.*

Sabiex tirnexxi id-difiża tal-*volenti non fit iniuria*, l-attur irid ikun ġab b'idejh huwa stess Il-ħsara li spiċċa ġarrab.

Fis-sentenza tat-12 ta' Marzu, 2012, fil-kawża fl-ismijiet **David Gathergood vs Anchor Bay Leisures Limited et**, din l-Qorti diversament ippresjeduta[2] indikat liema huma ir-rekwiżiti meħtieġa sabiex tirnexxi id-difiża *volenti non fit iniuria*;

> *"Il-parti li tqajjem dik l-eċċezzjoni trid turi li l-parti mġarrba (i) kienet aċċettat bi qbil li twettaq xi ħaġa li esponietha għal riskju, (ii) li dik l-aċċettazzjoni tkun waħda volontarja u (iii) li meta l-parti aċċettat, hija kienet tagħraf bis-sħiħ l-għamla u l-possibbiltà tar-riskju li dieħla għalih. Dawn l-elementi marbutin u mħaddma flimkien iservu biex jaqtgħu il-ġrajja dannuża mir-rabta tagħha mal-effetti li ġġib u dan billi l-għamil tal-parti mġarrba jaqta' r-rabta tal-kawżalità mill-għamil tal-parti l-oħra."*

Fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet **Kevin Zammit vs Maltapost p.l.c.** (mhix appellata)[3], il-Qorti ikkwotat l-awtur Ingliż **Charlesworth** fil-ktieb ***"The Law of Negligence"***[4] li għar-rigward tal-prinċipju tal-*"volenti non fit iniuria"* jgħid:-

> *"A person who makes an agreement with another either expressly or by implication, to run the risk of injury caused by that other, cannot recover for damage caused to him by any of the risks he agreed to run."*[5]

---

[2] Imħallef J.R. Micallef.
[3] PA 31.05.2011.
[4] 5th Ed. P. 364.
[5] Ara **Anthony Turner et vs Francis Agius et** – QA 28.11.2003.

Mill-banda l-oħra l-principju '*volenti non fit iniuria*' ġie mfisser mill-awturi **Catherine Elliot** u **Frances Quinn** li b'kuntrast mad-difiża tal-*contributory negligence* l-principju '*volenti non fit iniuria*' iġib miegħu difiża totali pjuttost milli mezz sabiex jiġu mnaqqsa d-danni:

> *"This Latin phrase means 'no injury can be done to a willing person', and describes a defence which applies where the claimant has in some way consented to what was done by the defendant, on the basis that in giving consent the claimant was voluntarily taking the risk of harm…Unlike contributory negligence, it is a complete defence, rather than a means of reducing damages: if the claimant consented, the defendant is not liable at all".*[6]

Jirriżulta mill-atti illi l-attur silef il-karozza tiegħu lill-konvenut li ma kienx liċenzjat u li kien ukoll taħt l-età.

L-attur xehed illi huwa ma kienx jaf illi l-konvenut ma kellux liċenzja jew illi ma kienx jaf isuq.

Din il-Qorti tqis illi xejn m'hija verosimili u attendibbli din id-dikjarazzjoni tal-attur illi huwa ma kienx jaf x'kienet l-età eżatta tal-konvenut u l-fatt illi dan ma kellux liċenzja. Jirriżulta illi l-attur u l-konvenut kienu jiffrekwentaw l-istess *bar*

[6] Tort Law - Third Edition (2002) p. 111-2.

għal perijodu pjuttost twil ta' żmien. F'ambjent ta' *bar* iffrekwentat mill-istess persuni, fejn skont id-dikjarazzjoni tal-attur innifsu[7], il-konvenut kemm -il darba kien jissellef vetturi mingħand klijenti oħra tal-istess *bar* biex iwassal it-tfajla tiegħu li kienet toqgħod fil-viċinanzi, diffiċli wieħed jemmen li l-attur ma kienx jaf li l-konvenut kien taħt l-età u li ma kellux liċenzja.

Emanuel Chetcuti, il-proprjetarju tal-Jester Bar, xehed illi wara li l-konvenut talab iċ-ċwievet tal-karozza tal-attur sabiex iwassal lit-tfajla tiegħu id-dar, hu u persuni oħra li kienu fil-*bar* bdew jgħajjtu lill-konvenut biex jerġa' lura u bdew jgħidulu sabiex ma jsuqx, proprju minħabba l-fatt illi ma kellux liċenzja. Jirriżulta illi dak il-ħin, l-attur kien ukoll jinsab bilqiegħda mal-*bar,* u kien qiegħed jisma' dan id-diskors:

> *"Aħna li konna fl-bar għajjatna lil Victor Agius lura sabiex ngħidulu ma jsuqx il-karozza tal-attur, iżda Victor baqa' sejjer. Dana għamilnieh peress li konna nafu li l-konvenut Victor Agius, ma kellux liċenzja tas-sewqan".*[8]

Dan ifisser illi f'dak il-mument l-attur ma setax jibqgħalu dubju illi l-konvenut ma kellux liċenzja, proprju għaliex dan id-diskors kien qiegħed jingħad lill-konvenut fil-preżenza tal-attur.

Din il-Qorti tasal ukoll għall-konklużjoni illi l-attur u l-konvenut kienu jafu lil

---

[7] A fol. 3 tal-proċess.
[8] Xhieda Emanuel Chetcuti a fol. 15 u 16 tal-proċess.

xulxin biżżejjed sal-punt illi l-attur kien dispost illi jagħti ċ-ċwievet tal-karozza tiegħu lill-konvenut. Is-sens komun jgħidlek illi wieħed ma jaqbadx u jagħti ċ-ċwievet tal-karozza tiegħu kif ġie ġie lil xi ħadd illi ma jafux.

Jirriżulta ukoll mill-provi illi diversi drabi l-attur kien iwassal id-dar lill-konvenut u lit-tfajla tiegħu, wara li dawn kienu jkunu fil-*bar* fejn kien ikun l-attur. Ġaladarba l-attur u l-konvenut kienu jafu lil xulxin sal-punt li l-attur kien iwassal lill-konvenut u lit-tfajla tiegħu d-dar, huwa verosimili ukoll illi l-attur kien jaf illi l-konvenut kien persuna taħt l-età u li allura ma kellux liċenzja tas-sewqan.

Kif irriteniet il-Qorti fil-kawża **Ciantar vs. Curmi**[9]:

> *"Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabbilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabbilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli."*[10]

Din il-Qorti ma tistax ma tosservax dwar kif l-attur ipprova jaħbi mill-Pulizija il-fatt illi l-konvenut ma kellux liċenzja. Huwa ivvinta storja mal-Pulizija illi l-karozza tiegħu li kienet involuta fl-inċident inkwistjoni kienet insterqet. Din il-

[9] PA deċiża fit-28 ta' April, 2003 mill-Imhallef Ph. Sciberras.
[10] Ara wkoll Vol. XXXVI P I p 319.

Qorti hija tal-fehma illi huwa ferm probabbli illi l-attur għamel dan biex jaħbi il-fatt illi huwa sellef karozza tiegħu lill-persuna bla liċenzja. L-ispettur Dominic Micallef xehed fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2001:

> *"Manfred Alamango qalli li Victor Agius ma kellux liċenzja u għalhekk biex jaħbu dan il-fatt, kienu ivvintaw li kienet insterqitlu l-karozza".*[11]

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti hija moralment konvinta mill-fatt illi l-attur kien jaf illi l-konvenut ma kellux liċenzja. Għaldaqstant l-attur, liberament u volontarjament u b'konsapevolezza, impliċitament qabel li jesponi ruħu għar-riskju u l-konsegwenzi li jġib miegħu meta ppermetta li l-karozza proprjetà tiegħu tiġi misjuqa minn persuna taħt l-età u mhux liċenzjata.

Huwa minnu innifsu riskjuż illi wieħed isellef il-karozza tiegħu lill-persuna bla liċenzja u taħt l-età u mingħajr polza tal-assigurazzjoni. Mhux biss f'każ bħalma huwa dan fejn konsegwenza t'hekk saret ħsara sostanzjali fil-karozza tal-attur li kienet misjuqa mill-konvenut, imma agħar minnhekk f'dawk il-każijiet fejn l-karozza misjuqa mill-minorenni tispiċċa tagħmel ħsara fuq il-persuna jew il-proprjetà ta' terzi.

Il-prevedibbiltà tal-periklu u tar-riskju tirriżulta kemm fl-ipotesi li l-attur iddeċieda li jafda l-karozza tiegħu lill-konvenut, persuna li skont l-attur dan bil-kemm kien jafu sal-punt li ma kienx jaf li huwa kien minorenni, bla liċenzja u

[11] A fol. 51.

mingħajr polza tal-assigurazzjoni, u kemm fl-ipotesi li l-attur kien jaf li l-konvenut kien taħt l-età u bla liċenzja, bit-tieni ipotesi dik li din il-Qorti tqis li hija versomili u probabbli.

L-applikazzjoni tal-principju *volenti non fit iniuria* jippresupponi tliet elementi: l-ewwel element huwa il-prevedibbiltà tal-periklu, it-tieni element huma r-regolamenti sabiex dak il-periklu jiġi evitat għal kollox jew biex il-probabbilità tiegħu tiġi b'xi mod imnaqqsa, u t-tielet element huwa l-ksur volontarju ta' dawk ir-regolamenti da parti ta' min weġġa'.

L-attur kien jaf x'inhuma r-riskji meta ssellef il-vettura tiegħu lill-konvenut għaliex kien jaf illi l-konvenut kien persuna taħt l-età u għalhekk kien persuna mhux awtorizzat illi jsuq u ma kienx kopert bl-assigurazzjoni. Allura l-attur impliċitament assuma huwa stess ir-riskju. Għal din ir-raġuni in linea mal-prinċipju *volenti non fit iniuria,* l-attur ma jistax issa jitlob id-danni mill-konvenut meta kien huwa stess illi ikkometta att illeċitu illi ħoloq ir-riskju tad-danni sofferti.

Skont il-prinċipju *volenti non fit iniuria,* l-attur ma jistax jirnexxi fl-azzjoni tiegħu għad-danni kontra l-konvenut. Huwa volontarjament assuma r-riskju meta sellef il-karozza tiegħu lill-persuna bla liċenzja. Il-prinċipju tal-*volenti non fit iniuria* jġib l-esklużjoni tad-danni, u konsegwentament din il-Qorti qiegħda tilqa' t-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-konvenut u tiċħad it-talbiet attriċi.

**<u>Deċide</u>**

**Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda tilqa' t-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-konvenut u tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-attur.**

Moqrija

**Onor. Dr. Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Frederick Stagno Navarra**
**Dep. Reġ.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------